




*Impressjoni artistika tal-Furjana waqt il-bombardament tat-28/4/42*

*Il-qoxra tal-ktejjeb kommemorattiv f'għeluq l-40 anniversarju.*

## ĠERĦA LI MA TINTESIEX MALAJR

Fost il-ġrieħi li ħalliet il-gwerra l-Kbira, żgur li t-telfa tal-knisja ta' S. Publju kienet waħda li nikktet bis-sħiħ lill-Furjaniżi kollha. Kulħadd jaf kemm il-Furjaniżi għandhom għall-qalbhom it-tempju dedikat lill-patrun tagħhom u bir-raġun li l-ġurnata tat-28 t'April 1942 fetħet ġerħa fost il-poplu Furjaniż li ma tintesiex malajr.

Kien proprju fil-bidu tas-sena 1942 li l-attakki tal-għadu ħraxu u żiedu l-qilla tagħhom fuq l-inħawi tal-Port il-Kbir. Ma kienx jonqos għalhekk li l-Furjana saret iċ-ċentru ta' dawn l-attakki tal-biża' partikolarment qrib il-knisja ta' S. Publju.

Xi nies tal-lokal kienu għamlu talba biex il-vetturi militari ma jibqgħux jipparkjaw viċin tal-knisja, biex ma jagħtux x'wieħed jaħseb li din qed tintuża bħala maħżen tal-qamħ speċjalment minħabba l-fatt li fil-viċinanżi kien hemm firxa kbira ta' fosos. Iżda dan ma sewa għal xejn, għax dak li l-Furjaniżi kienu beżgħu li jiġri fil-fatt ma damx ma seħħ.

## GHODWA TA' SWIED IL-QALB

Kienet l-għodwa tat-28 t'April għal ħabta tat-7.50 a.m. meta kollox kien jidher li l-mira ewlenija tal-għadu kienet li tinqered il-knisja. Bla dubju l-intenżjoni tal-għadu rnexxiet għax it-tempju dedikat lil S. Publju ntlaqat aktar minn darba, tant li r-Radju ta' Berlin xandar komunikat li l-katidral li kien jintuża bħala maħżen ġie meqrud.

F'dik l-għodwa x-xeni ta' qsim il-qalb ma naqsux. Il Furjana bi ħġara nġabret fil-viċinanzi biex tassisti għall-ħerba li ħallew warajhom il-bombi tal-għadu. Fost dawk li kienu l-ewwel fuq il-post insibu l-Kav. Antonio Agius u Kav. Emanuel S. Tonna. Niftakar lil ta' l-ewwel jiddiskrivi b'emozzjoni u anke b'xi demgħa f'għajnejh il-ħerba bla tarf li kien hemm fuq il-post dak in-nhar. Niftakar jgħid li l-knisja qatt ma rat daqshekk dawl....bir-raġun għax ir-raġġi tax-xemx setgħu jinfdu mis-saqaf fejn darba kien hemm il-koppla.





*L-artal Maġġur tal-Knisja ta' S. Publju wara l-Bombardament tat-28/4/42*



*Dehriet tal-koppla mġarrfa waqt 'R-Raid' Jidhru partijiet mill-pittura.*



F'din il-ġurnata ta' swied il-qalb, barra t-traġedja tat-telfa tal-knisja, il-poplu Furjaniż kien imnikket ukoll għal dawk li tilfu ħajjithom fil-Kannirja. It-tiġrif tal-koppla sfronda l-presbiterju u ntradmu numru ta' nies li kienu qed jistkennu taħt il-knisja fil-kannirja (fil-post taħt l-artal maġġur). Fost dawn kien hemm Dun Pawl Portelli, qassis ħabrieki mill-parroċċa. Il-kaos ta' dawk li kellhom xi qraba ma naqasx.

Fost il-midruba kien hemm **is-Sur Duminku Meli** li jirrakonta hekk l-esperjenza li għadda minna:-

"Għaddew ħamsin sena mill-attakk fuq il-Knisja ta' San Publju fil-Furjana, nhar it-Tlieta 28 ta' April 1942, Jien kont hemm. Dak inhar kelli nqum ftit iżjed kmieni mis-soltu, għax ridt immur il-Belt il-ħanut fejn kont naħdem. Aħna kellna kamra fix-xelter (cubicle) fejn konna norqdu matul il-lejl, qomt għal ħabta tas-6.30 a.m. u jien u ommi morna d-dar li kienet tinsab No 51 Triq id-Dejqa, Ommi għamlet il-kafe biex tieħdu lill-oħrajn u jiena qaxxart il-leħja u lbist, għal xis-7.30 a.m., daqqet is-sirena u ommi qaltli 'air raid'. Jien għedtilha mur issa, nagħlaq jien u nġiblek iċ-ċavetta, għax irrid immur il-ħanut.



*Is-saqaf tal-kannirja sfrundat,eżatt quddiem it-taraġ tal-artal maġġur.*

Għalaqt il-bieb u dort għal Triq il-Miratur u għal Triq San Publju. Hemm iltqajt ma' Frans Agius u Carmelo Micallef u għedtilhom li kont sejjer nagħti ċ-ċavetta, lil ommi, fil-bokka tal-Kannirja kien hemm ħafna nies u jien dort għal Triq San Tumas, dħalt mill-bokka ta' quddiem l-iskola, hemm ukoll kien hemm paniku, fil-pront nilmaħ lil Dun Paul Portelli. Jien mort fuqu u għedtlu Dun Pawl x'fettillek li nżilt hawn u hu qalli li kien ġie biex ikellem lill-Arċipriet, lanqas laħaq spiċċa l-kelma, nisimgħu splużjoni u tfaqqigħa kbira u jien għedtlu, Dun Pawl din fuqna. Jien tlaqt niġri u naħseb li waqaft u ma naf xejn aktar. Ma nafx kemm domt, biss meta ġejt f'sensija ftakart li kien 'air raid' u li kont qed inkellem lil Dun Pawl u f'daqqa waħda sibt ruħi mirdum taħt il-ġebel u smajt ħafna krib u għajjat u ma kontx nista' niċċaqlaq ħlief idejja. Indunajt li l-Knisja kienet iġġarrfet, ħassejt inkwadru taħt idejja u talbt lill-Madonna tal-Karmnu għax kont naf li dejjem hemm kien imdendel dan l-inkwadru. Ftit tal-ħin wara ħassejt daqqa fuq dahri u leħen li qal bil-ġlekk kannella u għaraft li kien leħen ħija Karmenu li qallu iva, ma nafx aktar għax erġajt intlift minn sensija.



*L-art miftuħa tal-presbiterju quddiem il-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju.*



Dehra tal-ħsara fil-kappellun tar-Rużarju. Inkixfet skultura ta' San Tumas li kien hemm wara l-kwadru.



Qerda sħiħa fil-kappellun tar-kurċifss

Wara sibt li ħarġuni n-nies ta' l-A.R.P. naf li ħarġuni fuq stretcher u għaddewni minn Triq San Publju u Triq San Tumas u l-ambulanza kienet karozza ta' Birkirkara u sibt ruħi l-isptar ta' Bugeja l-Ħamrun. Naf li t-tabib qalli se naqtagħlek biċċa mill-pala ta' saqajk u jien għedtlu iva.

Domt l-isptar għal tmien xhur mit-28/4/1942 sa t-12/11/1942 f'dawn ix-xhur għamluli sitt operazzjonijiet f'saqajja t-tnejn u waħda f'rasi li għadha marka sal-lum u anki saqajja għadni nbati bihom sal-lum biex nimxi. Domt ma nistax nimxi erba' snin u kont nilbes (thams split) ma' saqajja kont nuża l-krozzi u anki l-bastun u għal xi żmien neħħejtu u issa erġajt qed nużah għax bdejt negħja, dak iż-żmien kelli 21 sena u nofs u issa għaddew ħamsin sena u nirringrazzja lil Alla talli ħallieni ħaj, għaddejt minn ħafna tbatijiet, imma dejjem talbt lil Alla biex imexxini HU. Kien hemm żmien li l-Profs ried ineħħili saqajja t-tnejn ghax id-deni beda tiela', Jien qatt ma ridt. Pero' wara xi ġurnata ġie jarani ċertu wieħed Fawwizza ħabib tagħna mill-Belt li kien ħajjat quddiem il-Knisja ta' l-Erwieħ, u fil-Festa ta' San Ġuda Taddew, dan qalli għamel in-novena ta' San Ġuda għax dak jisimgħek u jfejqek żgur u hekk kien għax jumejn wara l-Profs Debono ġie u qalli x'se nagħmlu u jien bqajt ngħidlu ma ridtx hu qalli nippruvaw, infatti niżżilni għal operazzjoni u l-għada filgħodu wara l-operazzjoni li lanqas leħqu għaddew erbgħa u għoxrin siegħa meta ra c-chart li kelli mas-sodda u staqsa wkoll lis-soru, din qaltu dan m'għandu xejn, id-deni spiċċa minn xi mija u erbgħa l-Professur Pietru Paul Debono qalli mhux jien fejjaqtek kellek lil San Publju jitlob għalik. Għedtlu San Publju mhux se jinsieni, kelli lil San Ġuda semagħni li jien kont qed nagħmel in-novena Tiegħu u għalhekk jien għandi għax nirringrazzja lil Alla li għadni ħaj u nitlob għal dawk kollha li mietu f'din id-disgrazzja u tul il-gwerra fil-Furjana."

